SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 37/K4/04

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/10/'04 182**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/10/'04 235**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 28 t'Ottubru 2004.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-4.30 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani u l-Uffiċjal Awtorizzat is-Sur David Soler.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: 3

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 t' Ottubru 2004. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju
4. Sistema ta' Infurzar Lokali
5. Pedestrian Barriers
6. Offerti – Tneħħija ta' Chewing Gum
7. Attivitajiet tal-Milied
8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Is-Sindku Peter Bonello ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 36/K4/04.

1.3.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

1.3.03 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 3616 | Ittra mingħand G.M. Productions u risposta rigward talba għal premju għal Miss St. Julian's. |
| 3655 | Ittra mingħand Sur Emmanuel Portelli rigward tneħħija ta' bank li hemm taħt it-tieqa tiegħu fi Triq Lapsi. |
| 3706 | Ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward skema ta' saħħa. |
| 3712 | E-mail mingħand l-Environmental Landscapes Consortium rigward possibilta ta' ġemellaġ. |
| 3746 | Nota mingħand l-Environmental Landscapes Consortium rigward ċerti dettalji dwar il-ġemellaġ ma' Catania. |
| 3786 | Ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rigward kampanja 'Clean Up the World 2004'. |
| 3871 | Żewġt kotba mingħand Mons Anton Saliba. |
| 3880 | Ittra mingħand il-Koperativa Nazzjonali tas-Sajd Ltd rigward talba għal permess biex is-Sur Gaetano Borg jitħalla jħalli l-van tiegħu ipparkjat quddiem il-boat house. |
| 3911 | Ittra mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilletanti Ġiljaniżi biex ma jinħarġux permessi li jistgħu jostakolaw ix-Xatt tas-Sajjieda. |
| 3913 | Ittra mingħand it-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd rigward ostaklu ta' l-islip way f'Xatt is-Sajjieda. |
| 3887 | Invit mingħand il-Museum ta' San Ġiljan. |
| 3892 | E-mail mingħand Sullivan Travel and Tourism Services Ltd rigward Orkestra ta' Universita. |

3897 Ittra mingħand is-Sur David Debattista rigward talba għall-spazji biex jipparkjaw il-karrozzini ġewwa San Ġiljan.

3905 E-mail mingħand il-Kunsill Lokali Qormi rigward l-attivita' Kunsilly.

3916 Ittra mingħand in-Northern Cleaning Coperative Limited rigward 'fuel surcharge'.

K834 Ittra lill-contracts manager rigward struzzjonijiet li ngħataw verbalment mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

4016 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-kuntrattur ta' l-ġbir ta' l-iskart.

3918 Ittra mingħand il-Water Services Corporation rigward resurfacing ta' toroq u tranġar ta' bankini f'San Ġiljan.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru 2926

B'riferenza għall-ittra mingħand G.M. Productions u r-risposta rigward talba għal premju għal Miss St. Julian's iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li kien ser jipprova jsib sponsor. Madankollu l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li Miss St. Julians tingħata trofew fil-konkors ta' Miss Malta.

2.03 Rif. Nru 3655

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Emanuel Portelli rigward talba biex jitneħħa il bank li hemm taħt it-tieqa tiegħu fi Triq Lapsi ġie deċiż li dan jinqala' u jitpoġġa ħdejn l-ispiżerija fl-istess area.

2.04 Il-Kunsilliera Marcel Scicluna u Nicky Pillow waslu fis-4.45 p.m.

2.05 Rif. Nru 3706

B'riferenza għaċ-ċirkulari mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward l-iskema ta' saħħa ġie deċiż li l-kunsilliera kollha minbarra il-Viċi Sindku Nicky Pillow jidħlu fl-iskema tas-saħħa.

2.06 Rif. Nru 3712 u 3746

B'riferenza għall-korrispondenza li rċevejna mingħand l-Environmental Landscapes Consortium rigward il-ġemellaġġ ma' Catania ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Robert Camenzuli jieħu ħsieb il-kuntatti ma' Catania fejn jiġbor l-informazzjoni u jinforma lill-Kunsill b'dak li jkun qiegħed jiġri.

2.07 Rif. Nru 3786

B'riferenza għall-ittri mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent rigward kampanja 'Clean Up the World 2004', ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jerġa jipparteċipa f'din l-attivita'
- ✓ Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier John Agius ser jieħdu ħsieb din l-attivita'.

2.08 Rif. Nru 3871

Saret riferenza għaż-żewġ kotba mingħand Monsinjur Anton Saliba. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn il-kotba jinxtraw għal-librerija tal-Kunsill.

2.09 Rif. Nru 3880 u 3913

B'riferenza għall-ittri mingħand il-Koperativa Nazzjonali tas-Sajd Ltd u t-Taqsima għall-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd rigward ostakli f'Xatt is-Sajjieda ġie deċiż unanimament li kopji ta' l-ittri jintbagħtu l-Awtorita' dwar it-Trasport għall-approvazzjoni.

2.10 Rif. Nru 3911

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi rigward oġġezzjoni għall-użu li sar fuq ix-Xatt tas-Sajjieda. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kunsill Lokali Msida m'għandux Bye Laws kif indikat fl-ittra ta' l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti. Madankollu ċ-Chairman ta spjegazzjoni tal-fatti u wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ iċ-ċavetta li bagħtu mehmuża ma' l-ittra tinżamm temporanjament għand is-Sindku Peter Bonello.
- ✓ Id-deċiżjoni finali dwar ix-Xatt tas-Sajjieda hija tal-Kunsill u mhux ta' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti

**2.1** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 4 u item 3 qabel titkompla item 2.

**2.2** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4. Sistema ta' Infurzar Lokali**

4.01 Għall dan l-item kien mistieden is-Sur David Soler, l-Uffiċċjal Awtorizzat ta' L.E.S. Sliema Joint Committee flimkien mas-Sur Louis Padovani bħala l-Accountant ta' L.E.S. Sliema Joint Committee. Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li stieden lil-dawn is-Sinjuri biex jagħtu spjegazzjoni dwar tibdil fl-accounting pooling system. Madankollu l-Kunsill ġie ppreżentat b'estratt mill-minuti nru. 7/2004, tal-laqgħa tas-Sistema ta' Infurzar Lokali (Ara Appendiċi 'A').

4.02 L-Accountant is-Sur Louis Padovani flimkien ma' l-Uffiċjal Awtorizzat is-Sur David Soler taw spjegazzjoni.

4.03 L-Uffiċjal Awtorizzat ġie skużat 5.15p.m.

**3. Rapport Finanzjarju**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2004 (Ara Appendiċi 'B').

3.02 L-Accountant is-Sur Louis Padovani flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker taw spjegazzjoni tar-rapport.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Nicky Pillow ippropona li jiġi approvat ir-rapport finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2004.

3.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Is-Sur Louis Padovani ġie skużat fil-5.30p.m.

**2.3** Qabel tkompliet il-korrispondenza l-Kunsillier Nicky Pillow talab li l-laqgħat jibdew isiru qabel l-4.30 p.m. minħabba n-natura tax-xogħol tiegħu.

**Kontinwazzjoni tal-Korrispondenza**

2.11 Rif. Nru 3892

B'riferenza għall-email mingħand Sullivan Travel and Tourism Services Ltd rigward servizz bla ħlas minn orkestra ta' universita' ġie deċiż unanimament li bħala attivita' kulturali l-Kunsill juża dan is-servizz u li l-attivita' ssir fil-knisja tal-Karmnu. Madankollu ġew allokati madwar Lm100 biex jiġi provdut it-trasport kif ukoll għal spejjeż oħra żgħar.

2.12 Rif. Nru 3897

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur David Debattista rigward talba għall-ispazji biex jipparkjaw il-karrozzini ġewwa San Ġiljan ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrakkomanda din it-talba lill-Awtorita' dwar it-Trasport għall-approvazzjoni.

2.13 Rif. Nru 3905

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qormi rigward l-attivita' Kunsilly ġie deċiż unanimament li l-impjegati tal-Kunsill kif ukoll is-Sur Victor Cachia jattendu għal din l-attivita' bi spejjeż għall-Kunsill.

2.14 Rif. Nri 3916, K834 u 4016

B'riferenza għall-ittri rigward il-Kuntrattur ta' ġbir ta' skart ġie deċiż unanimament li dan ma jingħatax iż-żieda li qed jitlob.

**5. Pedestrian Barriers**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill irċieva pagament u ittra mingħand Active Enterprises Company Ltd. u spjegat li hemm sitwazzjoni fejn hemm differenza bejn id-deċiżjoni tal-kunsill skond it-talbiet li saru mill-Active Enterprises u il-pagamenti li qed isiru minnhom (Ara Appendiċi 'Ċ'). Hi ġibdet l-attenzjoni li ċ-ċekk ma ġiex ddepożitat u talbet lill-Kunsill biex jiġu ċċarati ċerti punti.

5.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Sindku Peter Bonello, l-Viċi Sindku Nicky Pillow u l-Kunsillier John Agius jaraw fejn qegħdin il-barriers, jiltaqgħu ma' l-Active Enterprises u jagħtu rapport lill-Kunsill.

5.03 Sadantant ġie deċiż unanimament li ċ-ċekk nru 680 li bagħat Active Enterprises ma jiġiex iddepożitat għalissa.

**6. Offerti – Tneħħija ta' Chewing Gum**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'schedule tal-kuntratturi li tefgħu l-offerti (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Wara diskussjoni s-Sindku Peter Bonello ppropona li tingħażel l-offerta ta' Ozosystem Ltd.

6.03 Il-Viċi Sindku Nicky Pillow ssekondah.

6.04 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn tlett kunsilliera vvutaw favur, tlieta vvutaw kontra u wieħed astjena.

6.05 Hawnhekk iċ-Chairman uża l-'casting vote' u vvota favur.

6.06 Għaldaqstant il-mozzjoni għaddiet.

6.07 Il-Viċi Sindku Nicky Pillow ġie skużat fis-6.30p.m.

**7. Attivitajiet tal-Milied**

7.01 B'riferenza għall-attivitajiet tal-Milied ġie deċiż illi:-

- Minflokk jintbagħatu kartolini tal-Milied tingħata donazzjoni ta' Lm 100.00 lill-M.U.S.E.U.M. sessjoni ta' l-irġiel ta' San Ġiljan.
- Isir tiżjin bid-dawl, bħas-sena l-oħra, in-naħa tal-pont li jagħti għall-knisja ta' Lapsi, il-Pjazza Spinola u l-Pjazza tal-Balluta.
- Issir ikla għall-Kunsilliera, l-istaff u l-partners tagħhom fejn jiġu mistiedna ukoll l-ex-Kunsillier Manuel Portelli u l-ex-skrivana Roberta Sammut bil-partners.
- Issir ikla fejn jiġu mistiedna iċ-Ċiniżi. Dan biex il-Kunsill jirreċiproka l-istedina li kienet saritlu.
- Issir ħarġa għall-Anzjani tal-lokalita`. Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jieħdu ħsieb din l-attivita'.
- Ġie ssuġġerit li ssir ħarġa għat-tfal bejn is-sebgħa u l-ħdax-il sena. Is-Sindku Peter Bonello u l-Kunsilliera Irene Borg ser jieħdu ħsieb din l-attivita' u ser jingħata aktar dettal f'laqgħa oħra.
- Ġie ssuġġerit li ssir kompetizzjoni ta' l-isbaħ presepju. Il-Kunsilliera Irene Borg għandha tagħti aktar dettalji dwar dan.

7.02 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ġie skużat 6.40p.m.

**8. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier John Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05 Ġie deċiż unanimament li minbarra dawn il-pagamenti jitħallsu dawn il-kontijiet:-

| | Fattura Nru. | Ammont Lm |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Northern Cleaning Co-operative | SJO24 | 2296.34 |
| Cleaning Services Dept. | MLC/04/90462 | 3159.39 |
| Central District | 2002 | 450.36 |
| Sant & Mugliette | MS 3018/2004 | 133.03 |
| Sant & Mugliette | MS 3020/2004 | 18.96 |
| Sant & Mugliette | MS 3019/2004 | 100.90 |

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1719 sa 1746 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

9.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

9.03 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**10. Materji Oħra**

10.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

10.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.03 Saret riferenza għall-minuti 32/K4/04 dwar il-lamp posts. Il-Kunsill ġie nfurmat illi dawn għadhom ma sarux minħabba proċeduri min-naħa tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura. Għalhekk il-Kunsill ġie mitlub jipprovdi il-materjal, madankollu peress li l-Kunsill ma rċeviex biżżejjed kwotazzjonijiet kif mitluba bil-proċeduri finanzjarji ser tintalab sejħa għall-offerti fil-gazzetta tal-gvern għal provista ta' 9 lamp-posts.

10.04 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u qabel unanimament.

10.05 Saret riferenza għall-Minuti 35/K4/04, taqsima 8 paragrafu 8.07 – 8.08 datati 12 t'Awissu 2004 u għall-Minuti 36/K4/04 datati 30 ta' Settembru 2004 dwar biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Kbira n-naħa ta' ħdejn il-ħwienet tal-Pjazza tal-Balluta u l-bankina fi Triq ta' Ġiorni sejjer lejn San Ġwann. Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li wara li rċevejna l-kwotazzjoni mis-Central District u ngħata l-approvazzjoni biex isir ix-xogħol ġejna nfurmati verbalment mis-Sur Simon Cioffi li x-xogħolijiet ma jistgħux isiru qabel l-aħħar ta' Marzu .

10.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn il-bankini isiru mill-kuntrattur tal-Kunsill.

10.07 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntratt tas-servizz ta' mini van jagħlaq fil-25 ta' Novembru 2004 għaldaqstant ser tinħareġ sejħa għall-offerti.

10.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

10.09 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru 2004 saret laqgħa ma' l-isteering committee rigward residential parking scheme. Preżenti għal din il-laqgħa kienu l-Perit Audrey Testaferrata de Noto, is-sinjuri Silvio Frendo, Pio Farrugia, Joe Borg, Chantelle Falzon, is-Sindku Peter Bonello u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker. F'din il-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li t-talba tal-Kunsill (Rif K833/229/04) (Ara Appendiċi 'Ġ') ma tistax tiġi milqugħa. Għalhekk ġie rrakkomandat li t-talba issir kif ġej:

- Fir-rigward Paceville Hamlet – ir-residenti ta' Paceville biss jipparkjaw mingħajr restrizzjoni.
- Għall-kumplament tal-pubbliku inkluż ir-residenti ta' San Ġiljan jiġi ntrodott it-timed parking fuq bażi ta' 24 siegħa.
- Fir-rigward it-toroq l-oħra, fejn saret it-talba u li jagħmlu parti minn San Ġiljan – ir-residenti ta' San Ġiljan biss jipparkjaw mingħajr restrizzjoni.
- Għall-kumplament tal-pubbliku inkluż ir-residenti ta' Paceville Hamlet jiġi ntrodott it-timed parking fuq bażi ta' 24 siegħa.
- It-tabelli iridu jsiru mill-Kunsill kif jiġu approvati mill-Awtorita' dwar it-Trasport u skond is-sample.
- L-istickers iridu isiru mill-Kunsill, meta jiġi approvat ir-residents parking scheme mill-Awtorita' dwar it-Trasport, skond is-sample.
- L-arloġġi jinxtraw mill-Awtorita' dwar it-Trasport bi prezz ta' 25ċ-il wieħed.

10.10 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport u ġie deċiż illi it-timed parking ikun ta' sagħtejn.

10.11 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi ġie avviċinat minn rappreżentanti ta' l-Edrichton, li saru responsabbli tal-Lukanda Cavallieri, biex jagħmlu embellishment min-naħa tal-Cavallieri Hotel għal ħdejn il-bajja tax-Xatt is-Sajjieda għall-ispejjeż tagħhom, kif spjegat fuq il-pjanta.

10.12 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill ma sibx oġġezzjoni dment li l-bajja tibqa' pubblika u ma ssirx privata. Madankollu ġie deċiż ukoll li jagħmlu għall-ispejjeż tagħhom:-

✓ litter bins u jkunu responsabbli huma biex isir it-tbattil u tindif tagħhom

- ✓ bins għall-waste seperation
- ✓ rampa għall-persuni b'diżabilita'
- ✓ siru railings fejn ser isir r-ramel
- ✓ siru mobile toilets.

10.13 Ġie deċiż li:-

- ✓ Jinqata' l-ħaxix f'Ta' Ġiorni .
- ✓ Isiru tabelli ***MHUWIEX PERMESS IL-KONSUM FIT-TRIQ TA' XORB F'KONTENITURI TAL-ĦĠIEĠ*** ħdejn il-playing field ta' quddiem il-Hilton, fi Triq Dragonara n-naħa tal-lukanda Vivaldi, u fi Triq San Ġorġ ħdejn il-Berger King

10.14. Il-Kunsilliera Irene Borg ippreżentat lill-Kunsill it-tifkira li ngħatat mis-Sindku, Dr. Monica Vella, tal-Kunsill Lokali Xewkija meta saret il-ħarġa ġewwa Għawdex (self-funding). Hija uriet l-apprezzament għall mod kif ġew milqugħa u nfurmat lill-Kunsill illi min-naħa tagħha kienet ippreżentat ktieb dwar San Ġiljan 100 sena parroċċa u ktieb ta' Dun Anton Sciberras flimkien ma' badge tal-Kunsill.

10.15. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill Lokali Xewkija.

10.16. Il-Kunsilliera Irene Borg nfurmat lill-Kunsill li ser torganizza 'self funding activity' nhar l-14 ta' Novembru 2004 ġewwa l-Baħrija.

10.17. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

10.18. Il-Kunsilliera Irene Borg resqet diversi ilmenti (Ara Appendiċi 'Ħ')

10.19. Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |